MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Numru. 741/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Matthew Zammit ta' 24 sena, iben Emanuel u Carmen nee' Muscat mwieled Pieta' nhar is-16 ta' Novembru 1988 u residenti gewwa No:-103, Flat No.5, Triq Hookham Frere, Pieta' u detentur tal-karta ta'l-identita numru 0528188(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Matthew Zammit akkuzat talli nhar l-10 ta' Gunju 2010 ghal habta ta' 02.00hrs gewwa San Giljan:
1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq

il-persuna ta’ Maria Theresa Borg skond kif iccertifikat Dr. Chantelle M. Portelli Reg.No. 3233 ta’l-Isptar Mater Dei.
2. hedded bi kliem lil Maria Theresa Borg
3. Kiser il-bon ordni pubblika b’ghajjat u glied.
4. Ta fastidju lil Maria Theresa Borg, b’tali mod kif gab ruhu jew b’mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghaliha.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-21 ta’ Lulju 2010 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-imputat u l-parti leza kellhom relazzjoni flimkien ghal madwar tlett snin. Il-parti leza tghid illi dina kienet relazzjoni turbolenti peress illi l-imputat kien possessiv maghha b’mod esagerat u kien ikun hemm episodji ukoll ta’ vjolenza fejn huwa kien jerfa’ idejh fuqha u anke iheddidha. Fil-fatt hija esebiet it-telefon cellulari taghha sabiex tindika l-messaggi ta’ theddid li kien jibaghtilha l-imputat. Minhabba f’dina ir-relazzjoni hija iddecidiet li íttemm ir-relazzjoni ta’ bejniethom, izda tghid illi l-imputat xortawahda baqa’ jippersegwietha u ighir ghaliha. Fil-fatt hija issostni illi kienet bdiet tibza’ minnu u anke meta tohrog mid-dar kienet tibza’ li isegwielha il-passi taghha. Fil-fatt tghid illi ghalkemm hafritlu diversi drabi ghax bezghet minnu, madanakollu ghamlet rapporti mal-pulizija fuq dawn l-incidenti u fil-fatt kien hemm incident fejn anke kienu ittiehdu passi kriminali kontra l-imputat.

Illi fil-jum ta’l-incident mertu tal-kawza, l-parti leza kienet nizzlet Paceville flimkien ma’ habib taghha certu Andreas. Kif wasslu l-Havana, tghid illi iltaqghu ma’ tlett tfajliet ohra

hbieb ta’ dana Andreas. Hemmhekk osservat li kien hemm l-imputat ma’ zewgt ihbieb tieghu certu Damien Saliba u Chris Caruana. F’hin minnhom tghid illi marret it-toilet ma’ wahda mit-tfajliet u hawnhekk kif ghaddiet minn hdejn l-imputat, hija tghid illi dana taha daqqa ta’ ponn fuq rasha. Hija qaltlu biex ma jitkessahx u hawn gie sieheb l-imputat, Damien u ghajjatlu biex ma jinqalax inkwiet. Wara xi ftit tal-hin, tghid illi rega’ avvicinaha u talabha biex tahfirlu, izda hija irrifjutat u tghid illi hawnhekk huwa sar aggressiv maghha, qabadha mill-polz ta’ idejha u dawwarulha b’forza tant illi hija tghid illi hasset l-ghadma tfaqqa’ u indunat li kien kisrilha idejha. Bl-ugigh tghid illi hassa hazin, intilfet minn sensieha u waqghet fl-art tant illi kien hemm xi hgieg fl-art u spiccat qatghet saqajha bih. Gew shab l-imputat stess li tellghuha fuq banketta u xarrbulha wiccha sakemm regghet giet f’sensieha. Tghid illi Damien offra li iwassalha, izda hija ma reditx tirkeb fil-karozza ma’l-imputat u ghalhekk hija marret tfittex lil habib taghha Andreas li offra li jehodha l-isptar. Izda fil-fatt kien hadha lejn id-dar fuq talba ta’ ommha, u imbaghad kienet akkompanjatha ommha l-ewwel gewwa il-health centre tal-Furjana fejn kienu dewwewlha l-qatghat li kellha f’saqajha u wara ittiehdet lejn l-isptar. Minn X-rays li sarulha fl-isptar gie konstatat illi hija kellha ksur fil-polz tan-naha tax-xellug u wara xi ftit jiem kellha tigi operata fejn saritilha *metal plate*. Il-parti leza tilmenta li ghadha tbati minhabba fil-griehi li sofriet f’idejha tant illi kellha tieqaf mix-xoghol taghha ta’ hairdresser.[1]

Illi l-Qorti semghet ukoll ix-xhieda ta’ Damien Saliba u Chris Caruana, il-hbieb ta’l-imputat li kienu qed jakkompanjawh f’dik il-lejla. Illi ghalkemm dawn iz-zewg xhieda ighidu illi ma rawx lill-imputat jilwi id il-parti leza, madanakollu jikkonermaw is-sekwenza tal-fatti kif rakkontati mill-parti leza fix-xhieda taghha. Iz-zewg xhieda jikkonfermaw illi l-imputat avvicina lil Borg darbtejn f’dik il-lejla. Fl-ewwel okkazzjoni jikkonfermaw illi raw lill-imputat jigbed xaghar Borg u jidher illi dina ma haditx pjacir b’dana l-agir tant illi Damien Saliba stess jikkonferma illi huwa avvicina lill-imputat u wissieh biex ma ikellimiehx

[1] Ara xhieda ta’ Maria Theresa Borg a fol.27.

sabiex ma jinqalax inkwiet.[2] Fil-fatt dana Damien Saliba, ghalkemm kien riluttanti hafna biex jixhed kontra siehbu, jammetti illi kien jaf li kienu jinqlaghu xi argumenti bejnu u bejn Borg. Wara dan, dawn iz-zewg xhieda jiftakru it-tnejn li huma illi raw lill-imputat u lil Borg qeghdin jitkellmu, izda din id-darba, konvenjentement ighidu li kien hemm hafna storbju u ma jafux x'diskors kien ghaddej bejniethom it-tnejn u lanqas jaraw lill-imputat jaqbad lil Borg minn idejha. It-tnejn jikkonfermaw madanakollu illi wara li Borg kellmet lill-imputat, hija marret fuqhom tilmenta illi weggaghlha idejha u hawnhekk hija hassa hazin u kellhom jaghtuha l-assistenza. Fil-fatt jikkonfermaw illi offrewlha li iwassluha, izda hi irrifjutat u ghalhekk huma harrgu 'il barra u wara ftit hareg l-imputat ukoll u huma telqu minn fuq il-post.[3]

Fuq l-istess linja jixhed Andreas Galea li f'dik il-lejla kien fil-kumpanija tal-parti leza. Jiftakar illi Borg f'xi hin, filwaqt li kienu fl-istabbiliment tal-Havana marret it-toilet ma tfajla ohra li kienet fil-kumpanija taghhom u meta giet lura ilmentat mieghu illi l-imputat kien taha daqqa fuq rasha. Wara dan josserva lil Borg qed tkellem lill-imputat, izda huwa warrab fil-genb peress illi ma xtaqx jinvolvi ruhhu fil-problemi ta' bejniethom. Wara li kellmitu, ighid illi Borg giet fuqu b'hass hazin fuqha, ippanikjata u bid-demm hiereg minn saqajha u talbitu biex imorru lejn l-isptar ghax l-imputat kien kisrilha idejha.[4]

Illi ic-certifikati medici u ix-xhieda tat-tobba involuti fil-kura li inghatat lil-parti leza jikkonfermaw illi Borg sofríet is-segweti griehi:- ksur tal-ghadma imsejjah l-ulna ta'l-id ix-xellugija, zewg qatghat taht irkobbtejha u ugigh f'ghonqha. Illi ma hemmx dubbju illi dawn il-griehi huma kompatibbli mal-verzjoni li taghti Borg ta' dana l-incident u tal-griehi illi hija tallega li ghamlilha l-imputat. Fil-fatt mir-rapportipprezentat mill-espert nominat mill-Qorti Mr. Frederick Zammit Maempel jirrizulta illi f'dana l-incident l-parti leza:

---

[2] Ara xhieda ta' Damien Saliba a fol.63 u 64
[3] Ara xhieda ta' Chris Caruana a fol.70
[4] Ara xhieda ta' Andreas Galeaa fol.79 et seq.

"… garrbet ksur ta'l-ghadma ulna xellugija li huwa **<u>konsistenti ma' driegh li mbaram b'forza"</u>** (sottolinjar tal-Qorti).[5]

Dana il-ksur dam iktar minn xahar biex jaghqad u fil-fatt jidher illi l-parti leza kellha pjanca imdahhla fi drieghha sabiex ighaqad liema pjanca trid titnehha b'operazzjoni ohra. Ghalhekk ma hemmx dubbju illi hija sofriet griehi ta' natura gravi f'dana l-incident.

Illi l-imputat jigi interrogat mill-pulizija *a tempo vergine* u jirrilaxxja stqarrija fejn huwa jinnega illi wegga' lill-parti leza.[6] Ighid illi huwa gibdilha xagharha u l-parti leza kellmitu bil-hlewwa u qaltlu li kienet ghadha thobbu. Ighid imbaghad illi waqt li kien qed ikellimha hija tbaxxiet fl-art kokka darbtejn, imbaghad meta qamet qalet lil siehbu Daniel li hu kien weggaghlha idejha, izda huwa jichad li ghamel dan. Jikkonferma fl-istqarrija, madanakollu, illi kien hemm incidenti ohra precedenti bejniethom fejn huwa heddidha u ikkagunalha xi griehi. Illi din hija l-uniku verzjoni li jaghti l-imputat ta' dak li sehh dak in-nhar u dana peress illi huwa jaghzel li ma jixhidx fil-kawza.

Ikkunsidrat,

L-imputat jinsab akkuzat principalment bir-reat ta'l-offiza gravi fuq il-persuna ta'Maria Theresa Borg. Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi hija temmen bi shih il-verzjoni li taghti l-parti leza ta' dak li sehh f'dana l-incident. Dana ghaliex dina l-verzjoni hija ikkorroborata mhux biss

---

[5] Ara xhieda ta' Dr. Chantelle Portelli a ol.77 u ta' Dr. Frederick Zammit Maempel a fols. 74 u 89 u rapport a fol.91, Dokument FZ.
[6] Ara Dokument NS1 a fol.16 et. seq

miz-zaghzagh l-ohra li kienu prezenti fl-istabbiliment tal-Havana flimkien ma’ Borg u l-imputat f’dik il-lejla, izda ukoll hija konsistenti mal-griehi illi l-parti leza sofríet minn taht idejn l-imputat. Illi jirrizulta illi l-imputat taha daqqa lil Borg fuq rasha. Dana huwa ikkorroborat mix-xhieda ta’ Saliba u Caruana li josservaw lill-imputat imiss ras Borg. Jidher illi l-imputat izda ma qatax qalbu ghalkemm siehbu qallu biex jieqaf u jiddesisti mill-azzjonijiet tieghu, u rega’ avvicina lill-parti leza u beda jinsisti maghha biex tkellmu halli tahfirlu ghal incident precedenti li kien hemm bejniethom fejn ittiehdu passi bil-Qorti kontra tieghu. Meta hija irrifjutat taghmel dan, huwa ipprova jiehu dak li ried billi uza l-forza fuqha u spicca kisriha idejha tant illi bl-ugigh, Borg hassa hazin waqghet u wegghet saqajha. Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ser issib htija ghar-rigward ta’l-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi huwa minnu illi l-parti leza meta terga’ tiehu il-pedana tax-xhieda, lejn l-ahhar tal-kawza, fuq mistoqsija tad-difiza, tghid illi hija qed tahfer lill-imputat ghal dana l-incident, izda  dina l-mahfra tista’ tiswa lill-imputat biss ghar-rigward tat-tieni akkuza u mhux ghall-akkuzi l-ohra. Illi l-Qorti tistqarr illi temmen ukoll dak li tghid l-parti leza dwar incidenti fejn l-imputat kien iheddiha u juza vjolenza fuqha fejn jidher illi hija dejjem haffritlu, x’aktarx sforz tal-biza’ li hija ghandha mill-imputat. Madanakollu il-mahfra illi hija tiddikjara li qed toffri din id-darba  ma hijiex ser ikollha effett fuq id-decizjoni tal-Qorti billi jidher illi issa wasal iz-zmien illi l-imputat jirrealizza illi huwa irid iwiegeb ghall-azzjonijiet tieghu u ma jistax jibqa’ jinsisti illi ma ikunx hemm konsegwenzi ghall-azzjonijiet tieghu billi igieghel kull darba lil parti leza tahfirlu.

Illi ghalhekk il-mahfra ta’l-parti leza lanqas ma tista’ tiswa lill-imputat ghar-rigward tar-raba akkuza migjuba fil-konfront tieghu u cioe’ ir-reat ta’l-hekk imsejjah *harassement* kif previst l-artikolu 251A tal-Kapitolu 9. Illi mix-xhieda ta’ Maria Theresa Borg, jidher illi l-imputat kien ilu ghaddej bl-imgieba ta’ theddid u uzu ta’ forza ghal zmien twil mhux biss fiz-zmien meta hu u Borg kien

ghadhom ghaddejjin bir-relazzjoni taghhom, izda ukoll wara li hija wrietu ix-xewqa li ma tkompliex f'din ir-relazzjoni. Tghid Borg, illi l-imputat kien possessiv u aggressiv maghha u anke tezebixxi it-telefon cellulari taghha sabiex turi il-messaggi ta' theddid li spiss kien jibaghtilha l-imputat. Illi l-Qorti ghal dawn il-motivi tinsab moralment konvinta illi x-xhieda ta' Borg ghandha mis-sewwa. Tant hu hekk illi kemm Damien Saliba kif ukoll Yanika Theuma jikkonfermaw illi l-imputat kien possessiv u aggressiv ma' Borg. Fil-fatt Damien Saliba stess ighid illi meta huwa raha lill-imputat jigbed xaghar Borg, ighidlu biex jieqaf u iwarrab sabiex ma jaqlax inkwiet. Dana juri illi Saliba kien jaf x'setgha jaghmel l-imputat lil Borg u kien ghalhekk li hass li kellu iwaqqfu. Kwindi dina l-akkuza ukoll tirrizulta ippruvata.

Illi meta tigi biex tqies l-akkuza kontravvenzjonali dwar l-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, l-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):

***'L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.***

***L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-***

***breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.'***

Illi ma hemmx dubbju illi kien hemm kolluzzjoni bejn l-imputat u l-parti leza. Madanakollu l-Qorti ma tistax tirriskontra l-ksur ta' dina id-disposizzjoni tal-ligi fl-agir ta'l-imputat. Tant hu hekk illi ghalkemm gie skambjat xi diskors bejniethom, hadd minn nies li kienu prezenti ma indunaw b'dak li kien qed jigri madwarhom. Ma jidhirx illi f'xi hin kien ghaddej xi ghajjat jew glied illi gibed l-attenzjoni tan-nies li kienu madwarhom. Fil-fatt dana l-incident sehh f'post li min-natura tieghu jiggenera hafna konfuzjoni u storbju u kwindi ma jistax jinghad illi l-imputat bl-agir tieghu, hazin kemm kien, huwa hati li kiser il-paci pubblika u il-buon ordni.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-parti leza haffret lill-imputat ghal dana l-incident, izda ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat ilu zmien twil jaghti fastidju lill-parti leza u kwindi ghandu jirrealizza illi dana l-agir irid jieqaf minnufih. Il-Qorti madanakollu hija tal-fehma illi piena karcerarja effettiva ma tkunx idonja ghal dana il-kaz u tkun ta' detriment ghaz-zewg partijiet involuti f'din il-vertenza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(d), 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara il-procediment ezawriet fir-rigward tat-tieni akkuza u tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal periodu ta' sena prigunerija, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' €1000 sabiex izzomm il-paci ma' Maria Theresa Borg u dana ghal zmien sena mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil hati ihallas is-somma ta' €230 lir-Registratur tal-Qorti in konnessjoni ma'l-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------